MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 739/2004

**Damian Iwueke bhala mandatarju specjali ta' Aderiyike Olibisi Lawal u Mary Titilola Oluwatuyi**

**Vs**

**Mark u Rita konjugi Schembri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikorsipprezentat minn Damien Iwueke *nomine* fl-4 ta' Ottubru, 2004, li in forza tieghu, wara li ppremetta illi:

L-esponenti mandanti huma azzjonisti fis-socjeta' bl-isem Bistit African Ventures Company Limited u dana kif jirrizulta mill-Istatut ta' l-istess socjeta'.

Skond l-istess *Memorandum* ta' din is-socjeta' l-ishma taghha huma maqsuma bhala *Ordinary A, B, C,* u *D* u fejn

il-Bord tad-Diretturi ghandu jkun kompost minn erba' (4) diretturi, u kull klassi ta' ishma ghandha d-dritt li tinnomina direttur fuq l-istess Bord.

L-azzjonisti tal-klassi C u D kienu hatru lilhom nfusshom bhala diretturi u kienu rrizenjaw mill-kariga taghhom u dana billi huma ma ghadx ghandhom aktar interess sija fit-tmexxija ta' din is-socjeta' u sija fi kwalunkwe profitti li din is-socjeta' tista' tiggenera – kif dikjarat minnhom bil-miktub, u anzi jridu li jfixklu l-andament taghha minhabba interessi personali li ghandhom *in* konnessjoni ma' fond lilhom mikri, u minn dakinhar ma gewx nominati diretturi ohra flokhom sabiex il-Bord ta' Diretturi jkun jista' jkompli jiffunzjona u dana *a tenur* tal-artikolu 6(F) tal-*Articles of Association* tas-socjeta'.

Ghalhekk minhabba dan, il-Bord tad-Diretturi ta' din is-socjeta' ma jistax jiffunzjona w lanqas ma jistghu jittiehdu decizzjonijiet ghan-nom ta' din is-socjeta'.

L-intimati personalment ghandhom kull interess illi din is-socjeta' tibqa' stagnata sabiex huma jkunu jistghu jharsu l-atti taghhom ta' kummissjoni u/jew ommissjoni li ghamlu u li m'ghamlux fil-konfront ta' din is-socjeta.

L-azzjonisti tal-klassijiet A u B, il-mandanti prezenti, ma jridux illi din is-socjeta' tibqa' f'dan l-impass u dana sabiex is-socjeta' tkun tista' taqdi dmirha wkoll sija lejn il-Gvern fejn jidhlu *returns* tat-taxxa u sija lejn il-*Malta Financial Services Authority* fejn jidhlu *returns* tas-socjeta'.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti toghgobha, u dana skond dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa, illi *ai termini* tal-artikolu 132 tal-Ligi Dwar il-Kumpanniji (Kap. 386), tordna illi tista' ssir Laqgha tad-Diretturi tal-Kumpannija *Bistit African Ventures Company Limited* fejn il-prezenza ta' zewg diretturi ta' din is-socjeta' jkunu jitqiesu li jikkostitwixxu laqgha.

Rat ir-risposta ta' Mark u Rita konjugi Schembri li in forza taghha eccepew illi:

1. L-esponenti Mark Schembri u Rita Schembri azzjonisti tas-socjeta' *Bistit African Ventures Company Limited* u gia' diretturi ta' l-istess socjeta' rrizenjaw minn diretturi wara li l-iskop ghala s-socjeta' *Bistit African Ventures Company Limited* giet imwaqqfa – *cioe'* dak li tiggestixxi *restaurant* gewwa Bugibba – spicca meta l-*operation agreement* li kien gie ffirmat ma' l-istess socjeta' gie terminat minhabba ksur tal-kundizzjonijiet u inadempjenza ta' l-obbligazzjonijiet kuntrattati.

2. Waqt li l-istess *operation agreement* kien ghadu vigenti l-azzjonisti u ko-diretturi illum il-mandanti tar-rikorrent Damian Iweuka addirittura telqu minn Malta u hallew ammont sostanzjali ta' djun li fl-assenza ta' l-istess azzjonisti u diretturi mandanti f'dan ir-rikors kellhom jigi trattati u ffacjati mill-esponenti Mark u Rita konjugi Schembri.

3. Peress li kien jidher li l-istess Aderiyike Olibisi Lawal u Mary Titilola Oluwatuyl ma kellhom ebda intenzjoni li jirritornaw Malta u fil-fatt ghadhom sallum assenti kif jidher mill-istess rikors promotur, l-esponenti Mark u Rita konjugi Schembri ghazlu li jirrizenjaw minn diretturi ta' l-istess socjeta' u dan sabiex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom u l-pozizzjoni taghhom fid-dawl tal-abbandun totali tal-ko-azzjonisti u ko-diretturi mandanti tar-rikorrent f'dan ir-rikors.

4. L-esponenti huma l-azzjonisti fil-percentagg ta' sebghin fil-mija (70%) tal-ishma u ghalhekk la kien hemm u lanqas hemm xi att ta' tfixkil imma hija biss xelta taghhom kummercjali li ma jibqghux jippartecipaw attivament f'socjeta' li m'ghadx fadallha skop li tibqa' tiffunzjona u li giet abbandunata anke mill-azzjonisti u diretturi l-ohra b'mod illi ma setghux jittiehdu decizjonijiet dwar il-futur ta' l-istess socjeta'.

5. M'ghadx hemm lok li din is-socjeta' tibqa' tiffunzjona u ma hemm ebda decizjoni x'tittiehed ghan-nom ta' din is-socjeta. Anzi l-esponenti Mark u Rita konjugi Schembri jidhrilhom li din is-socjeta' timmerita li tigi strallcata ghat-

tenur ta' l-Artikoli 214(2) (a) u (b) tal-Att dwar il-Kumpaniji ghad illi n-negozju ta' din il-kumpannija ilu sospiz ghal aktar minn perjodu ininterrot ta' tnax il-xahar, l-istess socjeta' m'hijiex f'pozizzjoni li thallas id-djun taghha u hemm ragunijiet ta' gravita sufficjenti li ghalihom din is-socjeta' ghandha tigi strallcata.

6. Is-socjeta' ma qditx dmirha lejn il-Gvern u l-*Malta Financial Services Authority* mhux minhabba ir-rizenja tal-esponenti Mark u Rita konjugi Schembri minn diretturi izda kawza tal-abbandun totali *da parti* tal-ko-diretturi mandanti tar-rikorrent. Infatti kieku l-istess Aderiyike Olibisi Lawal u Mary Titilola Oluwatuyl kienu daqshekk interessati li jaqdu dmirhom lejn il-Gvern u l-*Malta Financial Services Authority* setghu facilment jitolbu lis-Segretarju tal-Kumpannija l-Avukat Michael Tanti Dougall sabiex jipprepara d-dokumentazzjoni mehtiega u jissottomettiha.

7. L-istat ta' abbandun totali tas-socjeta' *Bistit African Ventures Company Limited da parti* ta' l-imsemmija Aderiyike Olibisi Lawal u Mary Titilola Oluwatuyl kuntrarjament ghal dak li qeghdin jippruvaw jaghtu impressjoni lil dina l-Onorabbli Qorti wassal sabiex anke is-Segretarju tal-Kumpannija l-Avukat Dottor Michael Tanti Dougall jirrizenja mill-pozizzjoni li kien jokkupa. Qieghda tigi mehmuza kopja ta' dokument konsistenti f'Avviz ta' rizenja minn Segretarju tal-Kumpannija li qieghda tigi mmarkata Dokument MRS1.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-esponenti Mark Schembri u Rita Schembri umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tichad it-talba tar-rikorrenti Damian Iwueka bhala mandatarju specjali ta' Aderiyike Olibisi Lawal u Mary Titilola Oluwatuyl kif kontenuta fir-rikors tal-4 ta' Ottubru, 2004, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti anzi tghaddi sabiex tiddikjara l-istrallc tas-socjeta' *Bistit African Ventures Company Limited* ghat-tenur tal-Artikoli 214(2) (a) u (b) tal-Att dwar il-Kumpanniji.

Ikkunsidrat;

Illi t-talba tar-rikorrenti hija bazata fuq l-artikolu 132 tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji (Att numru XXV tal-1995), li jipprovdi fis-sub-artikolu (1) li jekk ghal xi raguni ma jkunx prattikabbli li tissejjah laqgha tal-kumpanija bil-mod li bih jistghu jissejhu laqghat tal-kumpanija, jew li jitmexxew il-laqghat ta' dik il-kumpanija bil-mod stabbilit bl-istatut jew bl-Att innifsu, il-Qorti tista', anke fin-nuqqas ta' xi procedimenti li jikkoncernaw dik il-kumpanija, fuq rikors ta' xi direttur jew membru tal-kumpanija tordna li laqgha tal-kumpanija tissejjah, tinzamm u titmexxa b'dak il-mod li l-Qorti jidhrilha xieraq, u meta jinghata xi ordni bhal dan, tista' taghti dawk id-direttivi ancillari jew konsegwenzjali li jidhrilha xieraq, inkluza d-direttiva illi membru wiehed tal-kumpanija prezenti personalment jew bi prokura jitqies li jikkostitwixxi laqgha. Is-sub-artikolu (2) tal-istess artikolu jipprovdi mbaghad li dak li hu provdut fis-sub-artikolu precedenti ghandhom japplikaw ukoll ghas-sejhiet ta' laqghat tal-bord tad-diretturi ta' kumpanija, jekk lill-Qorti jidhrilha, li c-cirkustanzi jitolbu li tittiehed azzjoni bhal dik.

F'dan il-kaz jirrizulta li l-kumpanija *Bistit African Ventures Company Limited* (numru C21668) giet registrata fis-16 ta' Lulju, 1997, bl-iskop ewlieni li tmexxi *catering establishment*, partikolari *restaurant* li jservi ikel stil Afrikan. L-azjonisti tal-kumpanija kienu Aderiyike Olibisi Lawal, Mary Titilola Oluwatuyi, ir-rikorrenti, Rita Schembri u Mark Schembri, l-intimati. L-ewwel tnejn, ir-rikorrenti, kellhom 1,500 sehem kull wiehed, waqt li Rita Schembri kellha 3,000 sehem u zewgha Mark kellu 4,000 sehem. Id-diretturi tal-kumpanija kienu l-istess erba' azzjonisti ndikati. Is-segretarju tal-kumpanija kien Dr. Michael Tanti Dougall LL.D.

Skond l-istatut tal-kumpanija, il-*quorum* ghal-laqgha generali, kemm ordinarja kif ukoll straordinarja, hu ta' 60% tal-isthma, u, fil-waqt li rizoluzzjoni ordinarja tehtieg semplici maggoranza ghall-approvazzjoni taghha, kull rizoluzzjoni straordinarja, inkluz bidla fl-istatut u x-xoljiment tal-kumpanija, jirrikjedi maggoranza ta' 85% tal-isthma.

Fir-rigward tal-bord tad-diretturi, l-klawsola 6F tal-istatut jghid li l-*quorum* necessarju biex il-bord tad-diretturi jkun jista' jinfunzjona huwa tlieta.

Fil-kors tan-negozju tal-kumpanija, jidher li inqalghu xi problemi bejn il-partijiet ghax id-diretturi Mark u Rita konjugi Schembri rrizenjaw minn diretturi, u bhala azjonisti ma hatrux diretturi ohra flokhom, b'mod li l-bord tad-diretturi ma jistax jkompli jiffunzjona. Irrizulta wkoll li *anke* s-segretarju tal-kumpanija rrizenja b'effett mill-15 ta' Settembru, 2004.

Ghalhekk, il-kumpanija sabet ruhha f'impasse, ghax fil-waqt li klawsola 6C tal-istatut jiddikjara li *"The business of the Company shall be managed by the directors, who may exercise all such powers of the company including those specified in section 136 of the Act"*, il-Bord, bhala fatt, ma jistax jiffunzjona, ghax fil-waqt li l-*quorum* huwa tlieta, bhal issa hemm zewg diretturi biss, u ma jidhirx li l-azzjonisti l-ohra, l-intimati, huma disposti li jahtru direttur iehor. Dan hu kaz, ghalhekk, fejn il-bord tad-diretturi ma jistax jitmexxa u jiffunzjona bil-mod stabbilit bl-istitut. Biex isolvu dan l-impasse, iz-zewg diretturi li fadal qed jitolbu mill-Qorti l-applikazzjoni tal-artikolu 132 tal-Att dwar il-Kumpaniji.

Fil-kuntest ta' *General Meetings*, fil-ktieb "Farrar's Company Law" (Butterworths, 4th Edit 1998 pag. 312) jghid dan fuq l-artikolu tal-ligi Ingliza li minnu l-legislatur Malti ha l-idea tal-artikolu relevanti Malti:

*"Despite the number of provisions relating to the calling of meetings, it may still happen that it is impracticable to call a meeting or to conduct one in the manner prescribed by the articles or the Act. In these circumstances, the court may order a meeting to be held and conducted in such manner as the court thinks fit. This power has existed since 1862 and has been used to overcome difficulties such as the company being left without any directors able validly to convene a meeting, or, proper notice of a meeting being unable to be given because, for example, the records of the membership have been destroyed. As*

*a result of a recommendation by the Cohen Committee the section has since 1948 expressly authorised the court to direct that one member of the company present in person or by proxy shall constitute a meeting. This has been used on several occasions to overcome so-called quorum tactics in which the minority refuses to attend meetings thus making any meeting called by the majority shareholder inquorate and preventing the majority shareholder exercising voting rights. In such cases, the court orders a meeting to be held on terms that by-pass the quorum requirement. But it has been held that the jurisdiction does not extend to altering the balance of power between shareholders and thus the court refused to make an order that would overcome a deadlock between two equal shareholders. Likewise the court refused to make an order where the quorum provision was part of a negotiated structure for the protection of a particular shareholder or group of shareholders".*

Dak li qed jigi mitlub f'dawn il-proceduri mhux li jinbidel il-bilanc bejn l-azzjonisti, u ghalkemm il-*quorum* ghal-laqgha ta' bord ta' diretturi jidher li kien mahsub biex hadd miz-zewg nahat ma jkun jista' jagixxi minghajr l-involviment ta' imqarr wiehed mill-parti l-ohra, f'dan il-kaz l-iskop tal-laqghat mitluba huwa wiehed limitat, u *cioe'*, biex il-kumpanija tikkonforma ruha mil-ligijiet fiscali u tal-kumpaniji li jimponu, hafna drabi, obbligazzjonijiet tassattivi fuq il-kumpanija. It-talba, ghalhekk tidher gustifikata. *Altrimenti,* f'kaz ta' impasse fit-tmexxija ta' kumpanija, hemm proceduri ohra jistghu jittiehdu, imma zgur mhux li xi direttur wiehed jew tnejn jinghata *carte blanche* biex imexxi l-kumpanija wahdu.

Il-Qorti, ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors billi tilqa' t-talba u tawtorizza lill-kumpanija *Bistit African Ventures Company Limited* izomm laqghat tad-diretturi taghha fejn il-prezenza ta' zewg diretturi jkunu jitqiesu li jikkostitwixxu laqgha, b'dan li dawn laqghat ghandhom iservu <u>biss</u> biex il-kumpanija tkun tista' taqdi dmirha sija lejn il-Gvern fejn jidhlu *returns* tat-taxxa u sija lejn il-*Malta Financial Services Authority* fejn jidhlu *returns*

tas-socjeta’, u dan minghajr pregjudizzju ghad-drittijiet w interessi tal-intimati *qua* azzjonisti.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jithallsu bin-nofs bejn iz-zewg nahat.

Il-Qorti tordna li *a kura* tar-Registratur kopja ta’ din id-decizjoni tintbaghat lil *Malta Financial Services Authority* ghall-attenzjoni taghha u biex tigi inserita fil-*file* relattiv tal-kumpanija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------